**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 14 ta' Gunju, 2018**

**Talba Nru: 458/2017 PM1**

**Tanya Marie Kasap**
**(ID 534984(M))**

**Vs**

**Simon Kasap**
**(ID Nru. 300675(M))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fid-29 ta' Settembru, 2017 illi permezz tieghu l-attrici talbet li t-Tribunal jikkundanna lill-intimat ihallas is-somma ta' tmien mija sebgha u hamsin euro sebgha u tletin ewro (recte: centezmi) (€857.37) li huma s-sehem tieghu (kwart) ta' spejjez inkorsi mir-rikorrenti ghall-Mariah Kasap ghall-perijodu bejn l-ewwel (1) ta' Jannar 2016 sa Awwissu 2017 u dan kif gie miftiehem bejn il-partijiet fil-

kuntratt ta' separazzjoni personali fl-atti tan-Nutar Dr. Susan Mercieca insinwat fil-11 ta' Settembru, 2009 liema somma l-intimat naqas li jhallas minkejja li gie interpellat sabiex jaghmel tali hlas, bl-imghaxijiet u bl-ispejjez sal-hlas effettiv kontra l-intimat ingunt in subizzjoni.

Ra r-risposta tal-intimat datata 29 ta' Jannar, 2018 li permezz taghha eccepixxa:

Illi fl-ewwel lok, it-talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

Illi fit-tieni lok, ma ngabet l-ebda prova tal-ammont ta' Euro 857.37 allegatament dovut bhala sehem il-konvenut (kwart) tal-ispejjez inkorsi ghal Mariah Kasap ghall-perijodu ta' bejn l-1 ta' Jannar, 2016 sa Awwissu, 2017 a tenur tal-kuntratt ta' separazjoni;

Illi fit-tielet lok, il-konvenut lest jaderixxi mal-obbligu tieghu a tenur tal-kuntratt ta' separazzjoni insinwat fil-11 ta' Settembru, 2009 dejjem jekk l-ispejjez inkorsi huma verament spejjez relatati ma' "*spejjez edukattivi u ta' sahha*" a tenur tal-artikolu 5(g) tal-kuntratt ta' separazzjoni.

Illi fir-raba' lok, il-konvenut ghamel pagamenti lill-attrici.

Illi l-konvenut gieli rcieva kontijiet minghand l-attrici relatati mat-tifla li jmorru oltre minn spejjez edukattivi u ta' sahha, fosthom kontijiet relatati ma' servizzi ta' sbuhija, amount qawwi ta' *stationery unaccounted* ghal xiex u minn min qed jintuzaw, affarijiet sanitarji, nuccali tal-vista tad-ditta li jaqbez il-mitejn euro, clothing items u siggu. Dan l-allegat infieq vantat mill-attrici qieghed isir minghajr ma jkun konsultat il-konvenut wisq anqas ma' l-attrici ghandha l-apporvazzjoni tal-konvenut;

Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ebda amount ma hu dovut, u jehtieg li l-attrici tipprova l-ammont dovut lilha skont l-istess kuntratt ta' separazzjoni;

Salv eccezzjonijiet ohra.

Sema’ x-xhieda tal-attrici moghtija fis-seduta tad-9 t’April, 2018.

Ra d-dokumenti ezebiti mill-attrici waqt l-istess seduta u dawk ezebiti permezz ta’ nota datata 21 ta’ Mejju, 2018.

Ra li permezz tal-istess nota l-attrici ddikjarat li m’ghandhiex aktar provi x’tipproduci.

Ra li fit-30 ta’ Mejju, 2018, fuq talba tal-istess attrici, it-Tribunal iddifferixxa l-kawza ghall-ahhar darba ghall-provi kollha tal-intimat ghas-6 ta’ Gunju, 2018.

Ra li fis-seduta tas-6 ta’ Gunju dehru biss l-attrici u l-avukata taghha u ma deher hadd ghall-intimat u kwindi t-Tribunal iddifferixxa l-kawza ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra**

Illi din hija kawza permezz ta’ liema l-attrici qed tirreklama minghand l-intimat is-sehem allegatament dovut minnu mill-ispejjez inkorsi minnha fir-rigward ta’ binthom minuri relattivi ghax-xhur li jmorru bejn Jannar, 2016 u Awwissu, 2017.

Illi t-Tribunal jibda billi jinnota li, minkejja li l-intimat inghata l-possibilita` kollha li jressaq il-provi tieghu a sostenn tal-eccezzjonijiet minnu mressqin, huwa xorta wahda baqa’ ma ressaq ebda prova u dana minkejja li l-kawza kienet ilha differita ghal dan l-iskop sa mid-9 t’April, 2018.

Illi a tenur tal-art. 13 tal-**Att dwar it-Tribunal ghal Talbiet Zghar** (Kap. 380 tal-Ligijiet ta’ Malta) it-Tribunal jista’ jghaddi ghad-decizjoni anke fl-assenza tal-konvenut meta dan jonqos milli jattendi. Fil-fatt l-intimat qatt m’attenda ghas-seduti kollha li saru wara s-27 ta’ Frar, 2018.

Illi l-kawza giet konsegwentement differita ghall-ghoti tas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Illi minkejja ssurreferit it-Tribunal xorta wahda huwa tenut li jikkunsidra l-provi prodotti mill-attrici fid-dawl tal-eccezzjonijiet moghtija mill-istess intimat.

Illi l-kuntratt ta' separazzjoni sottoskritt mill-partijiet in atti tan-Nutar Dr. Susan Mercieca tad-29 ta' Awwissu, elfejn u tmienja (2008) jipprovdi espressament taht l-art. 5(g) li: "*Il-partijiet jaqblu inoltre li r-Ragel ghandu jhallas ghal kwart l-ispejjez edukattivi u ta' sahha filwaqt li l-Mara thallas ghar-rimanenti.*"

Illi ghaldaqstant jispetta lit-Tribunal jara li l-ammont mitlub permezz tal-proceduri odjerni, oltre milli jinsab pruvat, jirreferi ghal spejjez edukattivi u ta' sahha koncernanti bint il-partijiet. Fir-rigward tal-eccezzjoni tal-pagament jinghad minnufih li l-intimat ma ressaq ebda prova f'dan ir-rigward u kwindi tali eccezzjoni ghandha tigi michuda.

Illi f'dan ir-rigward l-attrici, oltre milli xehdet hi stess, ressqet prospett li jelenka l-ammonti mitlubin minnha oltre milli ezebiet l-ircevuti relattivi (fol 31 et. seq. tal-process). F'dan ir-rigward it-Tribunal jinnota li jekk wiehed jikkunsidra wkoll l-ispejjez ghax-xahar ta' Settembru, 2017 is-sehem tal-ispejjez dovut mill-intimat sahansitra jmur sahansitra oltre dak mitlub permezz ta' din il-kawza. Madanakollu t-Tribunal huwa marbut bit-talba kif redatta u kwindi ser jillimita l-likwidazzjoni ghall-ispejjez inkorsi mill-attrici bejn ix-xhur ta' Jannar, 2016 u Awwissu, 2017. F'dan ir-rigward il-prospett ezebit mill-istess attrici jindika li l-ammont dovut mill-intimat relattiv ghal sena u tmin xhur jammonta ghal tmin mija u erba' euros u tmienja u ghoxrin centezmi (€804.28) b'dana illi l-ircevuti ezebiti a fol. 97, 98 u 99 mhux qed jigu kkunsidrati in kwantu jirreferu ghal spejjez inkorsi f'Settembru tas-sena 2017.

Salv ghas-surreferit, it-Tribunal jinnota li huwa car kemm mill-prospett dettaljat ezebit u kif ukoll mill-ircevuti ezebiti mill-attrici li s-somom reklamati effettivament jikkoncernaw spejjez mehtiega ghas-sahha tal-minuri u ghall-izvilupp edukattiv taghha inkluz *stationery* li t-tifla tuza ghall-edukazzjoni taghha, privatijiet u/jew lezzjonijiet, uniformijiet, medicini, attivitajiet relatati ma' skolasport u muzew u wkoll nuccali, konsulti ghand tobba, ezami mediku tal-ghajnejn u siggu ortopediku. It-Tribunal ma

jifhimx kif il-konvenut jista' b'xi mod jikkontesta l-pagament dovut minnu fir-rigward ta' spejjez evidentement relatati mas-sahha ta' bintu stess bhalma huma vista ghand it-tabib tal-ghajnejn, nuccali tal-vista jew siggu ortopediku (kif huwa jaghmel ukoll espressament permezz tal-hames eccezzjoni tieghu) jew spejjez ohra evidentement relatati mal-izvilupp edukattiv taghha. Hekk ukoll it-Tribunal jinnota li, skont ix-xhieda inkontestata tal-attrici, bint il-partijiet waslet biex taghlaq erbatax-il sena u kwindi huwa car li l-ispejjez taghha jkunu jikkomprendu wkoll aspetti marbutin mal-hajja taghha ta' tfajla li qed issir mara. Minkejja dan jidher li l-attrici ghazlet sabiex ma tinkludix spejjez strettament marbutin mal-kura estetika tal-bint fl-ammont mitlub minnha (f'dan ir-rigward, per ezempju, ir-ricevuti immarkati 1 jeskludu tnejn miz-zewg ircevuti ezebiti a fol. 32).

Illi finalment l-intimat qieghed jikkontesta l-ispejjez inkorsi mill-attrici ghaliex huwa jikkontendi li dawn saru minghajr il-kunsens preventiv tieghu. Madanakollu t-Tribunal ma jistax jaqbel mal-posizzjoni mehuda mill-intimat f'dawn il-proceduri u dan ghas-segwenti raguni. Aparti li tali allegazzjoni ma tirrizulta bl-ebda mod pruvata, jigi nutat li permezz tal-istess kuntratt ta' separazzjoni il-partijiet ftehmu espressament li "*decizjonijiet ta' kuljum jittiehdu minn dik il-parti li tkun maghha l-minuri*" (klawsola 4(a)). *Dato ma non concesso* li huwa minnu li l-omm ma kkonsultatx mal-intimat fir-rigward tal-htigijiet regolari tat-tifla, huwa car li l-kuntratt ta' firda personali taghhom stess kien intiz proprju sabiex jagevola lill-attrici filli tiehu decizjonijiet wehidha minghajr il-htiega ta' xi kunsens preventiv min-naha tal-intimat f'dan ir-rigward. Jerga jinghad li, fuq kollox, ma rrizulta minn imkien f'dawn il-proceduri, anke ghaliex kif inghad, l-intimat stess ma baqa' ma xehedx fihom, li huwa ma giex konsultat fir-rigward tal-aspetti l-ohrajn li ma jkunux necessarjament kolpiti bil-klawsola surreferita. F'dan ir-rigward wiehed ghandu jifhem li l-missier mhux suppost sab ebda oggezzjoni li t-tifla jkollha siggu ortopediku gjaladarba dan kien mehtieg ghas-sahha taghha, jew nuccali tal-vista. It-Tribunal jinnota li s-somma minfuqa mill-omm f'dan ir-rigward m'hijiex xi somma li tista' titqies straordinarja jew irragjonevoli. Aktar minn hekk dan it-Tribunal kif presjedut diga' kellu l-okkazzjoni li jiddeciedi kazijiet fejn tali difiza giet ukoll imressqa

u l-posizzjoni mehuda kienet dik li, f'kaz ta' nuqqas ta' qbil bejn il-kontendi jew f'kaz li parti tiehu decizjoni b'mod unilaterali meta ma tkunx intitolata taghmel dan, r-rimedju legali m'huwiex dak li l-parti mhux konsultata ma tkunx obbligata li thallas is-sehem taghha ta' tali spejjez. Ir-rimedju opportun huwa proprju dak li l-persuna mhux konsultata tikkontesta tali decizjoni billi ovvjament tressaq talba flimkien ma' ragunijiet ghal tali kontestazzjoni quddiem il-Qorti kompetenti. (ara f'dan is-sens id-decizjoni datata 10 ta' Marzu, 2017 bl-avviz numru 500/2016 moghtija minn dan it-Tribunal kif presjedut oltre dak li jinsab deciz ukoll mill-Onor. Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fil-kawza fir-rikors numru 149/2011 deciza fis-6 ta' Novembru, 2011).

Finalment jinghad li, fil-kaz odjern, ma ntweriet l-ebda gustifikazzjoni ghan-nuqqas da parti tal-intimat li jikkontribwixxi ghall-htigijiet ta' sahha u edukazzjoni ta' bintu ghal aktar minn sena u disa' xhur.

Illi ghaldaqstant anke f'dan ir-rigward huwa car li t-talba attrici, gjaladarba tirrizulta gustifikata fis-somma hawn fuq likwidata ta' tmin mija u erba' euros u tmienja u ghoxrin centezmi (€804.28), ghandha tigi akkolta limitatament ghal tali ammont, ovvjament b'rizerva ghal kwalunkwe ammont ulterjuri li jista' jkun talvolta dovut mill-intimat lill-attrici fir-rigward ta' xhur mhux mertu tal-azzjoni odjerna.

Ghaldaqstant it-Tribunal, filwaqt illi jichad l-eccezzjonijiet kollha imressqin mill-intimat sakemm mhux kompatibbli mas-surreferit, jilqa' t-talba attrici limitatament fis-somma ta' tmin mija u erba' euros u tmienja u ghoxrin centezmi (€804.28) u jikkundanna lill-intimat ihallas lill-istess attrici l-istess somma rapprezentanti sehem dovut minnu fir-rigward tal-ispejjez inkorsi mir-rikorrenti ghal binthom minuri bejn Jannar 2016 u Awwissu, 2017 bl-imghaxijiet fuq l-istess somma kontra l-istess konvenut. L-ispejjez jigu sopportati in kwantu ghal kwint (1/5) ghall-attrici u erba-kwinti (4/5) mill-intimat.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**